MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 243/2012

**Etralia Limited (C30967)**

**Vs**

**George Whelpdale (ID679752M) f'ismu personali u ghan-nom u in rapprezentanza ta' High Seas Association**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-Socjeta' attrici datat 23 ta' Marzu, 2012 fejn iddikjarat:

Illi fil-perjodu ta' bejn il-11 ta' Marzu, 2010 u t-28 ta' Settembru, 2010, is-Socjeta' ntimata sabiex tbiegh, tikkonsenja u tinstalla lift u materjali relatati u tipprovdi s-servizzi relattati mal-istess lift;

Is-Socjeta’ attrici kkonsenjat dawn l-oggetti lill-intimata u pprovdiet is-servizzi kif mitluba taghmel fl-indirizz High Seas No 7, Triq il-Luzzu, Marsaxlokk MXR1512;

Illi l-bilanc tal-prezz ta’ dan il-materjal kif ukoll tas-servizzi rezi jammonta ghal sitt mija u tnejn u disghin Ewro u erbatax-il centezmu (€692.14) u dan kif jirrizulta mill-fatturi kopja annessa u mmarkata bhala Dokument A;

Illi ghalkemm l-intimat gie nterpellat diversi drabi, kemm verbalment u kemm bil-kitba, sabiex ihallas u dan l-ammont, dan il-kreditu’ sallum baqa’ ma thallasx;

Illi ghalhekk is-Socjeta’ mittenti kienet kostretta tirrikori ghall-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant is-Socjeta’ attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex tikkundanna lill-intimati jhallsu s-somma ta’ sitt mija u tnejn u disghin Ewro u erbatax-il centezmu (€692.14) dovuta lis-Socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali.

Ra r-risposta datata 24 t’April, 2012 fejn il-konvenut eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, l-intimat nomine m’huwiex Socjeta’ kif jidher fit-talba rikorrenti izda qieghed jidher f’isem Assocjazzjoni bl-isem ta’ ‘High Seas Association’;

2. Illi l-intimat nomine qatt ma nkariga lis-Socjeta’ rikorrenti biex tikkonsenja u tinstalla lift, peress li l-lift kien gie ordnat u mixtri mill-kuntrattur li bena l-appartamenti fi blokka li tinsab ‘High Seas’, Triq il-Luzzu, Marsaxlokk;

3. Illi l-intimat nomine bhala l-Amministratur tal-Assocjazzjoni bl-isem ta’ ‘High Seas Association’ beda jikkommunika mas-Socjeta’ rikorrenti wara li giet iffurmata l-Assocjazzjoni fejn talabha d-dokumenti kollha relattivi mal-lift fosthom il-garanziji, c-certifikati u r-registrazzjoni tal-lift;

4. Illi dawn id-dokumenti qatt ma ntbaghtu lill-intimat u kien biss madwar sena wara meta l-intimat gie nfurmat li l-garanzija kienet ser tispicca li gie pprezentat lilu l-kont skont it-talba odjerna;

5. Illi l-intimat nomine mill-ewwel ma qabel xejn ma' dan il-kont u dan ghaliex fost ragunijiet ohra, l-lift kien fih difetti teknici serji li dejjem ingibdet l-attenzjoni dwarhom u li fuqhom qatt ma sar xejn;

6. Illi sussegwentement l-intimata nomine kien talab l-assistenza ta' Inginier specjalizzat fil-liftijiet u rikonoxxut mill-Malta Standards Authority fejn dan l-istess hareg rapport dettaljat fuq id-difetti kollha li kien hemm fuq il-lift, kopja ta' liema intbghatet lill-Malta Standards Authority li ordnat li jsiru xogholijiet urgenti fuq il-lift biex dan jigi konformi mal-ligi u dan kif ser jigi spjegat ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza;

7. Illi ghal dan ix-xoghol li sar, l-intimat nomine zamm lis-Socjeta' rikorrenti responsabbli tal-ispejjez kollha u fil-fatt hareg kontijiet regolari fil-konfronti taghhom;

8. Illi fi kwalsiasi kaz ix-xoghol maghmul mis-Socjeta' rikorrenti sar qabel ma skadiet il-garanzija u r-riparazzjonijiet maghmula ghandhom jigu provduti minghajr mis-Socjeta' rikorrenti.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-intimat nomine jitlob lil dan l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba bl-ispejjez kontra l-istess Socjeta' rikorrenti.

Ra l-avviz;

Ra r-risposta;

Ra l-atti kollha;

Ra l-affidavit ta' **Jason Anthony Farrugia** (Direttur u Azzjonist tas-Socjeta` attrici). Iddikjara illi kien gie ngaggjat mis-Sur Adrian Deguara biex jinstalla

lift fil-fond 'High Seas', Triq il-Luzzu, Marsaxlokk. Kien sar ftehim li kien jinkludi certu kundizzjoniet termini ta' hlas, garanzija ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar. Il-lift twahhal u gie spezzjonat u kkommissjonat f'Marzu, 2007 u ghalhekk il-garanzija minn Marzu, 2009 skadiet. Il-lift huwa registrat mal-MCCAA bis-serial No N/AF/00001/07 (Dok B a fol 20).

Il-klijent kien sodisfatt u sa Lulju, 2007 kull bilanc dovut fuq l-istess lift kien mhallas. Ikkonferma li hu u martu jghixu fil-blokk u qatt ma kellhom problemi bil-lift. Xi drabi Whelpdale li kien joqghod fil-penthouse kien jitlob jinvestiga xi hsarat li jinqalghu. Whelpdale apparti li kien is-sid tal-penthouse kien ukoll Amministratur tal-Assocjazzjoni. Qatt ma kien hemm problemi qabel ma dahal hu fil-kwistjoni. Hu ghalhekk qed jippretendi li jithallas ghas-segwenti:

(i) Job sheet 1855 – Dicembru, 2009 ,

(ii) Job Sheet 1977 - 17 ta' Frar, 2010. Mill-ahhar spezzjoni min naha ta' TUV (entita indipendenti li ticcertifika lifts hekk mitlub mil-ligi) Infatti kienu ghamlu r-riparazzjonijet hu nhareg certifikat fil-11 ta' Marzu, 2010. Ghal dawn ma hargux l-ebda kont.

(iii) F'Gunju, 2010 kienu ghamlu riparazzjoni tal-lift job sheet 244 u 2446.

(iv) Fit-8 ta' Gunju, 2010 ghamlu xoghol iehor job sheet 1423 *invoice* – tlett mija sitta u hamsin Ewro u tlieta u hamsin Ewro (€356.53).

(v) 11 t'Awwissu, 2010; job sheet 3059 –hamsin Ewro (€50.00) u ghadhom pendenti.[1]

Meta kellhom laqgha mas-Sinjuri Whelpdale u Deguara u kien hemm missieru Nicholas Farrugia qabblu li l-ammont ta' hamsin Ewro (€50) kellu jithallas minn Deguara filwaqt li l-bqija tal-kont kellu jithallas minn 'High Seas Association'. Kienu ddiskutew li jaghmlu *lift maintenance agreement*.[2]

---

[1] Ara Dok I a fol 33

[2] Ara Dok a fol 82 – ittra minn Deguara lill-Whelpdale. Invoice 1423 kellu jigi mhallas minn High Seas u 1461 ta' Eur 50 minn Deguara , Ara Dok a fol 83-4 – ittra Whelpdale

A fol 87 ittra Deguara

Ra l-affidavit ta' **George Whelpdale** li ddikjara li hu u l-inkwilini l-ohra iffurmaw l-Association – High Sea Association fil-5 ta' Frar, 2009. Fis 6 ta' Frar, 2009 meta ha l-inkarigu t' Amministratur kien kiteb lil Etralia biex isaqsi jekk il-lift huwiex skont il-ligi u registrat mal-MSA, talab ukoll kopja tal-garanzija u certifikati tal-*lift*. Meta baqa' minghajr risposta kien baghat lil MSA u warali rcieva risposta mill-MSA kien ghadda l-istess informazzjoni li kien ircieva minnghand l-MSA [3]lil Etralia Limited. Fl-ahhar Jason Farrugia kien infurmah li kien gej ACAB Engineer biex jaghmel *preventive inspection* skont il-ligi. Illi qatt ma nghata certifikati. Kien Nicholas Bellizzi li kien spezzjona l-lift u sab hafna nuqqasijiet li kellhom jittrangaw. Fil-laqgha li kellu mas-Sur Deguara u anke ma' Nicholas u Jason Farrugia, Deguara kien accetta li jhallas il-kont ta' elf erba' mija u tlieta u ghoxrin (€1,423).

Xehed **David Pulis** li huwa persuna li jiehu hsieb is-sigurta` tal-lifs. Hemm zewg regolamenti. Dawn jinqasmu tista' tghid fi tnejn: (a) xi jrid jghaddi minnu lift ghal installation u (b) x'irid jghaddi minnu lift tul iz-zmien. Imbaghad hemm ukoll responsabbilita` tal-*lift owners* u anke r-responsabiltajiet ta' l-*installers*. [4] Jekk dan il-lift huwa wiehed gdid, cioe` jekk huwa tal-2002 il-quddiem dan irid jigi registrat mill-*installer*. Fil-kaz taghna qeghdin nghidu fuq il-lift li nxtara – u skont *l-installer* kien gie installat f' Marzu, 2007; jigifieri jaqa' taht l-2002. Illi ghalhekk f'dan ir-rigward il-lift – iz-zewg ligijiet japplikaw pero` f' dan ir-rigward l-*installer* kellu l-obbligu li jirregistrah. Qabel ma jghaddi c-cwievet tal-lift lil *owner*, l-*installer* irid jobdi sett ta' regolamenti. Hemm certifikazzjonijiet diversi u testijiet diversi li jridu jsiru, u dawn qabel ma jinghaddu c-cwievet lis-sid. Bir-regolamenti tal-2007 l-installer kellu l-obbligu li jaghmel l-*application form*, u mal-*application form* kellu l-obbligu wkoll li 'jatteccja' c-certifikati kollha mitluba

---

[3] Doks 3 u 4
[4] Avviz legali 370/2002, il-lifts regulations huwa gej minn EU directive u mbaghad hemm avviz legali 231/2007 li huwa inspection of lifts

mil-ligi – taht il-ligi l-ohra tal-2002, u dan ghal skopijiet ta' ligi tal-2007. Fi Frar, 2010 wara li kien ha parir minn fuq ir-regolamenti etc, is-Sur Whelpdale kien talbu nformazzjoni jekk il-lift kienx gie registrat. Wara indagini saru jafu li dan ma kienx registrat sa Frar, 2010. Jekk lift ma jkunx registrat allura per konsegwenza ma jkunx hemm ic-certifikazzjonijiet – ic-certifikazzjonijiet li dan huwa *safe to use*. Bhala Awtorita` kellhom l-obbligu li jwaqqfu l-lift minghajr certifikazzjonijiet. Kienu jafu illi dan il-lift qed jintuza, pero` biex jippruvaw jghinu lis-sid u ma jpogguhx f'sitwazzjoni fejn ma jistawx juzaw lift, ghamlu kuntatt mal-*installer* u tawh *deadline* biex hu jirregola ruhu u biex jaghti c-certifikazzjonijiet mehtiega.

Sadanittant is-Sur Whelpdale min-naha tieghu beda jsegwi r-regolamenti li ghandu u li jpoggu fuqu r-responsabbilta` tal-*maintenance* u l-i*nspection* u ovvjament mbaghad johorgu certi affarijiet li jkollu bzonn jaghmel hu. Ir-*registration* proprja kienet intabghet fis-16 ta' Marzu, 2010. L-Awtorita` accettat kollox ghax bhala registrazzjoni kienet wahda valida. Zied pero` li meta vverifikaw d-dokumenti kien hemm certu affarijiet li kienu strambi. L-ewwel nett illi *r-registration form* l-installer ddikjara li dan kien datat Marzu, 2007 - l-installation tieghu kienet Marzu, 2007, pero` imbaghad mic-certifikazzjoni dati ohrajn hargu Settembru, 2008 u Frar, 2007. Dan minnu stess johrog illi kien hemm kontradizzjoni.

Illi ghalhekk meta nstallah f' Marzu, 2007 dan kien illegali ghax ma kienx certifkat bhala *safe to use* almenu sa Settembru, 2010[5].

Nel frattemp is-Sur Whelpdale kellu problemi biex isegwi l-obbligazzjonijiet tieghu u dan peress li ma kellux ic-certifikazzjoni kif suppost. Is-Sur Whelpdale ppropona li hu jipprova jgib kollox in regola biex dan jibda jintuza b'mod legali. Zied illi kienu wkoll taw lill-installer *deadline* u tkellmu mal-*Enforcement Team*.

Zied li bhal karozza, mbaghad il-lift ikollu bzonn il-VRT inspection, li huma obbligazzjoni skont il-ligi u skont *specialized engineers* approvati mill-Awtorita`, u mbaghad hemm is-*servicing* taghmilhom meta trid, *on a voluntary basis*.

[5] DP 1", "DP 2" u DP 3".

F'Marzu, 2011 din il-VRT saret. Ma setghax pero` jiccara jekk id-difetti jew nuqqasijiet li kien hemm kienux ghaliex ma sarux fl-ewwel lok meta gie nstallat il-lift jew inkella dawn in-nuqqasijiet jew difetti zviluppawx maz-zmien. Fil-fatt fix-xhieda tieghu s-Sur Pulis jghid hekk:-

*"Jiena nghid illi ahna ma nistghux nidhlu fil-kwistjoni jekk hemm affarijiet missing. Perezempju hawn hekk qed nara perezempju li hemm emergency communication system missing. Issa dan huwa lift ta' 4 snin. Ma nafx jigifieri jekk l-installer ma ghamilhiex fl-ewwel lok jew jekk dan wara dan it-tul ta' zmien jigi miksur u kellu jigi-tnehha etc. F'dan il-kaz kull ma nharsu huwa lejn il-fatt illi l-Inginier jirrakkomanda li dan jerga' jitpogga fil-lift".*

Mistoqsi dwar il-garanzija, ddikjara li mhux espert fuq dan pero` ghandu jiskatta minn meta l-lift gie *made available ossia* f'Marzu, 2007 ghall-sentejn. Fi Frar, 2011 kien avvicinah is-Sur Whelpdale ghax s-*software* tal-lift kien ibblokkat. Is-Sur David Pulis fil-fatt stqarr is-segwenti fix-xhieda tieghu:-

*"Dan generalment, m'inhiex qed nghid ghal ghal din il-kawza specifika, li jaghmlu huwa l-installers li jimblokkaw is-software biex imbaghad meta tigi biex taghmel il-maintenance trid titlob lilhom bilfors, pero` ma setghax jghid jekk garax hekk f' dan il-kaz. Jiena nghid illi l-lift gie ready for use f' Marzu tat-2007, issa jekk hu uzahx jew le din ma nidholx fiha. Din li nista' nghid huwa li hi d-data tal-applikazzjoni. Dak inhar ta' Marzu, 2007 meta d-data li tefa' l-application suppost kienet fully compliant il-lift u ready for use."*

Xehed **Nicholas Bellizzi (**Mechanical Engineer - NB Engineering Limited). Ikkonferma li kien jara lis-Sur Whelpdale ghax kienu fil-Kunsill Malti tal-iSport. Kien jkellmu dwar il-lift ta' fejn kien joqghod u kien mar jaghmel *inspection*. Meta mar it-tieni darba, mexa fuq it-*template* provduta minn MCCA li huwa tip ta' check list, u dan huwa skont ir-regolamenti tal-Gvern – li jipprovdi l-Gvern. Mill-assessment u mill-*inspection* li ghamel kien hemm certi affarijiet neqsin; bhal per ezempju s-switches, item 2F nieqes, etc.; u kien hemm xi affarijiet ohra fil- pit li

huma ndikati fir-rapport. Dawn l-affarijiet li sab neqsin u dawn il-problemi skont il-ligi l-klijent imbaghad irid jirranghom u jhallas biex jirranghom.

Illi f'din il-kawza jidher illi hija talba ghall-tiswijiet li saru fuq lift. Illi l-*invoices* in kontestazzjoni huma :

(i) Inv. 1423 - datata 26 ta' Settembru, 2010 – riparazzjoni ta' *main board* (job card datata 8 ta' Gunju, 2010 u 1 ta' Gunju, 2010) – tlett mija sitta u hamsin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€356.53)[6]

(ii) Invoice 1461 - datat 28 ta' Settembru, 2010 - rest lift counter – hamsin Ewro (€50)

(iii) Invoice 1296 - (job card datat 17/2/2010) datat 11/03/2010 – riparazzjoni tal-main board – mitejn u hamsa u tmenin Ewro u wiehed u sittin Ewro (€285.61).

Ra l-inspection li sar minn TUV Astia Dok Z u Z1 u datat 29 Settembru, 2008. Illi jidher illi t-tiwsija tal-bibien kienet saret mill-Etralia bla hlas. [7]. Ra *report* ossia il-*preventive inspection report* li sar f'Marzu, 2011 illi ghalhekk qed jsir kull sena. Illi kontestazzjoni tal ftehim bejn il-partijiet kienet f'Awwissu tas-sena 2010. [8]

Illi l-kwistjoni hawn hija jekk dawn id-difetti ghandhomx jigu koperti minn garanzija u jekk iva min meta skattat il-garanzija. Skont il-konvenut dawn kienu difetti li ghandhom jigu koperti mill-garanzija ghaliex il-lift qatt ma kien certifikat sew u li l-lift kien registrat f'Marzu tas-sena 2010, ezattament fis-16 ta' Marzu 2010 u mhux qabel. Din kienet id-data (is-16 ta' Marzu, 2010) li fiha l-Awtorita' koncernata rceviet l-applikazzjoni sabiex dan il-lift jigi registrat skont il-ligi. Illi jidher illi l-lift gie installat f' Marzu, 2007 u ghal dan ma hemmx kontestazzjoni,

[6] Dok F a fol 28
[7] Ara dok Z3 u Z2
[8] Ara e-mail data 29 t' Ottubru, 2010 ta' Adrian Deguara

jidher illi dan intuza mis-sidien u inkwilini mid-data tal-installazzjoni ghall-erba' snin u l'fuq minnhom. L-*invoices* huma ghal xoghol li sar matul is-sena 2010 kemm f'Marzu tas-sena 2010 u kemm Settembru tas-sena 2010. Allura t-Tribunal ghandu jistabilixxi jekk fil-fatt dawn kienux diffetti li kienu jezistu mill-bidu jew inkella humiex difetti li nqalghu minhabba l-fatt li l-*lift* kellu certu difetti fil-perjodu tal-garanzija.

Jidher illi anke minn xhieda ta' David Pulis mill-MSA l-fatt li l-lift ma kienx registrat m'ghandux ifisser illi l-garanzija tal-lift jiskata minn dak inhar tal-certifikat. Mill-evidenza li ta hu stess huma joqghodu fuq id-data li hemm fl-*application form* li hi Marzu, 2007. Illi infatti jidher illi f'Awwissu, 2010 kien hemm laqgha bejn is-sid, il-konvenut u Farrugia (iben u missier) biex jaslu ghall-ftehim u jidher illi ma hemmx qbil dwar kif kienu ser jithallsu. Illi skont il-konvenut kellu jhallsu Deguara filwaqt li kemm Farrugia (iben u missier u Deguara innegaw dan).

Illi l-lift jidher illi kien qed jintuza mill-2007. Illi mill-*Final Inpection Certificate* ma kienx hemm diffett mill-affarijiet elenkati fit-tiswijiet. Minkejja dak kollu li ntqal it-Tribunal ihoss illi ghandu jithallas.

Illi ghalhekk l-attur iddikjara illi l-lift kien lest f' Marzu, 2008 jidher illi c-certifkat ossia l-*Final Inspection Certificate* kien datat nhar id-29 ta' Settembru, 2008. Illi huwa minnu li qatt ma ccargja ghall-bibien li jidhru li kienu problema tul sentejn imma kienu wara li skaddiet il-garanzija.

Ghalhekk *arbitrio boni viri* jilqa't-talba tas-Socjeta` attrici fis-somma ta' sitt mija u tnejn u disghin Ewro u erbatax-il centezmu (€692.14) bl-ispejjes kif indikati fl-avviz u bl-imghax mid-data tas-Sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------